MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Numru 16/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**

**vs**

**James Vella**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat James Vella ta' 18-il sena, bin Carmel u Rita nee' Borg, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Novembru 1990, residenti 316, Para Kletus, Ghaxaq By-Pass, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' numru 563390(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fix-xhur ta' qabel it-13 ta' Dicembru 2008, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq t' oggetti ta'

dekorazzjoni minn gewwa l-fond, Leaf Ltd, Triq l-Imdina, Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna; u aktar talli

2. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt.

Lill- James Vella wahdu talli nhat it-13 ta' Dicembru u 15 ta' Dicembru 2008, ikkommetta serq t' oggetti ta' dekorazzjoni minn gewwa l-fond, Leaf Ltd, Triq l-Imdina, Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Jannar, 2009 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 4 tal-process) u l-fatt li huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 268 u 49A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat James Vella hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, James Vella ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghanduh/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. James Vella ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b' kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-probation idoneju ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------